MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 1207/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs.**

**JOSIENNE CIANTAR BONETT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josienne Ciantar Bonett ta' 39 sena, bint Francis u Mary nee' Grima, mwielda Valletta nhar id-19/03/1970, detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 128670M u residenti gewwa 9 Triq ir-Rignu, Marsaskala.

Billi hija akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Talli f'Settembru 2009 u fi snin ta' qabel ikkommettiet serq ta' gojjelerija u ogetti ohra mill-hanut bl-isem ta' Artemis Jewellery li jinsab gewwa, Triq Marina, Marsaskala liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-2329.40 Euro u bil-persuna ghad-dannu ta' Joseph Borda u aktar talli:

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata Josienne Ciantar Bonett.

Innutat ukoll li l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 261(c), 267 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Josienne Ciantar Bonett, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Josienne Ciantar Bonett ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Josienne Ciantar Bonett tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputata Josienne Ciantar Bonett li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata Josienne Ciantar Bonett.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Josienne Ciantar Bonett l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------